MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2009

Numru 1329/2007

**Il-Pulizija**
**Sp Ian Joseph Abdilla**
**vs**
**Martin Cachia**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Martin Cachia ta' 48 sena iben Michael u Josephine nee' Aquilina mwieled Pieta fid-29 ta' Marzu 1959 u residenti 238 Casa Martina, Triq l-Imhallef William Harding Pembroke, ID 235859M**

**Akkuzat talli fis-6 ta' Mejju 2007 gewwa l-Belt Valletta u f'postijiet ohra gewwa dawn il-Gzejjer**

**(a) ffalsifika jew biddel minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohhm jew tal-prodott ta' industrija, jew**

**xjentement ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid; jew**
**(b) ghamel uzu, xjentement ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija b'din il-marka, sinjal jew emblema; jew**
**(c) xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe 937 DVD film u dan bi ksur ta' l-Artikolu 298(1)(a), (c) u (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**
**(d) U iktar talli fl-istess data, lokalitajiet u cirkotanzi ghall-qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura jew ddupplika jew mod iehor rriproduca jew kkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha u dan bi ksur ta' l-Artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Rat l-atti kollha tal-kaz, inkluzi s-sentenzi esebiti llum seduta stante, il-kwerela da parti ta' Patrick J Galea ghal diversi nies, l-istqarrija maghmula mill-imputat fis-7 ta' Mejju 2007 kif wkoll il-kunsens kemm ta' l-Avukat Generali u kif wkoll ta' l-imputat li dawn il-proceduri jkunu sommarji**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghal dawn l-imputazzjonijiet u ghal daqstant dawn gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 49 u 50, 298(1)(a)(c)(f), 298B tal-Kap 9 u wara li qieset li l-imputat ammetta mill-ewwel, ssib lill-imputat hati ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet qed tiddisponi mill-piena kif gej:**

**(a) Dwar l-ewwel imputazzjoni, il-Qorti flok qed tikkundanna lill-imputat, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien tliet snin**

**millum. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 22 tal-kap 446 lill-imputat fi kliem semplici**
**(b) Dwar it-tieni imputazzjoni, qed tikkundanna lill-imputat ihallas multa ta' 1000 Euro, liema multa' ghandha tithallas fi zmien xahrejn u fin-nuqqas tinbidel f'jum prigunerija ghal kull 11.65 Euro li ma jithallsux.**

**Fl-ahhar nett il-Qorti qed tordna il-konfiska ta' l-affarijiet meta dawn ikunu esebiti**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------